MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Numru. 202/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**Vs**

**Gilbert Grech**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Gilbert Grech, bin Paul u Pauline nee' Galea, mwieled il-Pieta, fil-11 t'April, 1986 u joqghod Nru 41, Triq San Filippu, l-Mgarr, Malta u detentur tal-karta tal-identita' numru 0174986(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

A) Nhar l-14 ta' Jannar, 2007, ghal habta ta' nofsinhar, gewwa l-grawnd tat-Tarxien Rainbows, li jinsab fi Triq San Frangisk, Hal Tarxien, filwaqt li kienet qed tintlab loghba football bejn it-tim Imgarr Falcons u Fgura F.C. minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' James Vella mill-Fgura f'periklu car, ikkagunalu ferita' ta' natura gravi, kif iccertifika Dr. Mark Attard M.D. tad-dipartiment ta' l-Emergenza ta' l-isptar San Luqa u Dr. Aldo Fiorini M.D. (Medical Warrant No 1453) mic-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid, liema ferita gabet mankament jew sfreggju fil-wicc bi ksur ta' l-artikli 216(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B) Talli fl-istess data, hin u lok, hebb kontra l-persuna ta' James Vella sabiex jingurja jew jaghmel hsara lill-istess u dana bi ksur ta' l-artiklu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

C) Talli fl-istess data, hin u lok, volontarjament kiser il-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u dana bi ksur ta' l-artiklu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-art 6(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.33 dwar Regolamenti biex jinzamm l-Ordni Pubbliku fil-Grounds ta' l-isports.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tipprojbixxi lill-imputat milli jattendi f'xi ground ta' l-isport u dana kif mitlub fl-Art. 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.33 Dwar ir-Regolamenti biex jinzamm l-Ordni Pubbliku fil-Grounds ta' l-Isports.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Marzu, 2007 (esebit a fol. 14 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 2007 iddikjara li ma' kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li allegatament inqala' bejn zewg players waqt partita futbol tal-amateurs lli ntlabet fl-14 ta' Jannar 2007 ghall-habta ta' 12.00pm fil-ground ta' Tarxien Rainbows bejn l-Imgarr Falcons u r-Rover United. Il-players in kwistjoni huma l-parti civili James Vella u l-imputat Gilbert Grech li mill-provi rrizulta li kienu qed jilaghbu ma Rover United u ma Mgarr Falcons rispettivament. Il-parti civili James Vella isostni li huwa inghata daqqa ta' ponn f'wiccu mill-imputat waqt il-partita li bhala konsegwenza ta' din id-daqqa ta' ponn huwa sofra griehi ta' natura gravi konsistenti fi ksur fi mniehru.

James Vella xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-21 ta' Mejju 2007 fejn huwa sostna li waqt il-partita l-imputat ikkommetta foul fuqu u mbaghad dan tal-ahhar qallu sabiex iqum u jkompli jilghab u huwa rrispondih sabiex ma jindahalx u l-imputat tah daqqa ta' harta. Vella jghid li huwa gibed l-attenzjoni tal-linesman dwar dan il-fatt u qallu sabiex joqghod attent ghall-imputat. Vella jsostni li ftit tal-hin wara l-imputat mar fuqu u tah daqqa ta' ponn u rah il-linesman li gibed l-attenzjoni tar-referee u l-imputat gie mkecci mill-loghba. Vella jghid li meta l-imputat tah id-daqqa ta' ponn il-ballun kien qed jintlghab fuq in-naha l-ohra tal-pitch.

L-imputat kemm meta rrilaxxja l-istqarrija inserita a fol. 18 sa 20 tal-atti processwali kif ukoll meta ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta' Frar 2009 qal li waqt azzjoni fil-partita fejn huwa ghola ghall-ballun huwa accidentalment laqat lil James Vella b'minkbu waqt li kien niezel. Huwa qal li r-referee waqqaf il-partita madwar minuta wara li sehhet l-azzjoni ghaliex ghalkemm Vella kien mal-art ma kien jidher li kellu xejn izda meta ngibditlu l-attenzjoni dwar il-fatt li Vella kellu d-demm ma wiccu

huwa waqqaf il-partita u kecca lil Grech ghaliex haseb li dan kien volontarjament ta daqqa lil Vella. L-imputat jghid li dak il-hin missier James Vella li kien wiehed mill-ispettaturi tal-partita beda' jghajru u joffendih u jghidlu li kien ser isibu barra u kien ser joqtlu u James Vella beda' jaghmel l-istess. Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat giet korroborata minn ommu u missieru li wkoll kienu spettaturi u li ttellghu bhala xhieda tal-Prosekuzzjoni waqt l-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2008.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox kunfliggenti, u cioe' il-verzjoni moghtija minn James Vella min-naha l-wahda u dik moghtija mill-imputat min-naha l-ohra. F'dawn il-proceduri l-Prosekuzzjoni produciet diversi xhieda li kienu prezenti ghall-partita izda l-unika xhud li qal li ra l-incident bejn l-imputat u James Vella isehh kien il-linesman jew assistant referee Silvio Tanti fejn dan qal li l-imputat u James Vella kienu ilhom imqabbdin f'xulxin partita shiha u huwa kien ghassa taghhom u spjega li f'hin minnhom ra lill-imputat jolqot bil-minkeb f'wiccu lil James Vella u huwa ghalhekk gibed l-attenzjoni tar-referee sabiex jiehu l-provvedimenti opportuni.  Huwa qal li gibed l-attenzjoni tar-referee meta ra wicc wiehed mill-players kollu demm u meta ghamel dan  kien madwar ghaxar metri l-boghod miz-zewg players u l-ballun kien qed jintlab madwar tlett kwarti tal-ground tan-naha l-ohra.  Mario Briffa wiehed mid-dirigenti ta' Rovers United, u cioe' t-team tal-parti civili James Vella, meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-11 ta' April 2008, qal li il-linesman/assistant referee wara l-partita qallu li ma kienx ra l-incident isehh. Iz-zewg assistant referees li xehdu waqt dawn il-proceduri, u cioe' Silvio Tanti u David Zammit, it-tnejn cahdu li huma kienu tkellmu ma xi hadd jismu Mario Briffa wara l-partita.

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta ghalhekk li l-unika xhud okulari ta dak li allegatament sehh bejn James Vella u l-imputat jghid li huwa ra lill-imputat jaghti daqqa ta' minkeb lil Vella filwaqt

li James Vella jsostni li l-imputat tah daqqa ta ponn u mhux daqqa ta’ minkeb mentri l-imputat jghid li huwa laqat lil Vella b’mod accidentali bil-minkeb. L-ufficjal tat-team tal-parti civili jghid li l-assistant referee qallu li ma rax x’sehh fl-incident bejn Vella u l-imputat. Il-Qorti jidrilha li dan il-kunflitt fil-provi jhalli dubju serju dwar jekk il-fatti effettivament grawx kif xehed dwarhom l-imputat u kif del resto dan dejjem sostna sa mill-bidu nett meta gie nterrogat mill-Pulizija u huwa evidenti li dan id-dubju ghandu jimmilita favur l-istess imputat u l-Prosekuzzjoni ghalhekk ma tistghax titqies li rnexxilha tipprova l-imputazzjonijiet minnha migjuba fil-konfronti tal-imputat sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------